**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' FRAR, 2002

**Numru: 18**

**Avviz Nru: 792/01AE**

**Pro-Eng Ltd**

**Vs**

**Leslie Mangion f'ismu proprju kif ukoll ezercenti l-kummerc taht l-isem De Lippo Café.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u sittin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm565.80) hlas dovut ghall-konsenja ta' materjal u servizzi diversi in konnessjoni mat-

tnehhija u installazzjoni ta’ air conditioning units, suppliti mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 17) li permezz taghha qieghed jikkontesta t-talba tas-socjeta attrci fuq il-bazi li:

1. L-installazzjoni ma saritx skond is-sengha u l-arti.

2. L-installazzjoni saret b’tali mod li kkawzat danni u hsarat lill-konvenut peress li l-units ma bdewx jahdmu tajjeb.

3. L-ammont pretiz huwa ezagerat.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta’ hames mija u hamsa u sittin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm565.80), kif jirrizulta mid-dokument ezebit a fol. 18 tal-process.

2. Mill-provi rrizulta li s-socjeta attrici nstallat tlett *airconditioning units* fl-istabbiliment De Lippo Café. Dawn il-units kienu originarjament nstallati fil-Fanal Restaurant li huwa gestit minn hu l-konvenut. Is-socjeta attrici qeghda tippretendi wkoll hlas ghal manutenzjoni li ghamlet fuq il-*condensing units*, u ghal xi materjal kellu jinxtara.

3. Il-partijiet ma jaqblux dwar l-ammont li kellu jithallas ghall-installazzjoni ta' kull unit. Ir-rapprezentanti tas-socjeta attrici xehdu li l-ftehim kien ghall-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) ghal kull unit (fol. 28 u 32). Min-naha tieghu l-konvenut xehed li l-hlas kellu jkun ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) ghal kull unit.

4. Mill-provi rrizulta li kienu tlieta l-units li twahhlu mis-socjeta attrici. Ir-raba' unit kellu jigi nstallat fid-dar tal-konvenut, pero' x-xoghol baqa' ma sarx ghaliex skond ir-rapprezentanti tas-socjeta attrici, l-konvenut irrifjuta li jhallashom ghall-installazzjoni tat-tlett units fid-De Lippo Café.

5. Irrizulta wkoll li xhur wara li sar ix-xoghol fid-De Lippo Café, il-konvenut kellu jinkariga lil certu Godwin Calleja sabiex jaghmel xoghol ta' tiswija fuq il-units li twahhlu mis-

socjeta attrici u jinstalla r-raba' unit. Godwin Calleja xehed quddiem it-Tribunal u kkonferma li:

(a) It-tiswija li saret kienet relatata ma' l-installazzjoni li ghamlet is-socjeta attrici; u

(b) Tax-xoghol li ghamel thallas is-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120), li jinkludi hlas ghal tqeghid tar-raba' unit.

6. It-Tribunal huwa tal-fehma li jirrizulta sodisfacentement ippruvat li x-xoghol sar mis-socjeta attrici. Fir-rigward tal-hsara, mill-provi rrizulta li x-xoghol ta' tiswija sar zmien wara li gew installati. Godwin Calleja xehed: *"f'Gunju tas-sena li ghaddiet il-konvenut talab is-servizz tieghi ghal xi units li kien installa fil-Café De Lippo li huwa tieghu"*. Ix-xhud kompla jiddikjara, *"il-problemi li kien hemm kienu fl-installazzjoni"*. Ghalkemm huwa minnu li ghadda z-zmien minn meta kienu gew installati l-units, dan ma jfissirx b'daqshekk li t-trapass taz-zmien jeskludi li kien hemm xi nuqqas fl-installazzjoni tal-units. Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma li jkun ekwu li mill-ammont pretiz titnaqqas is-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) [ammont li t-Tribunal qieghed jiffissa *arbitro boni viri*], ghal xoghol ta' retifika li sar minn Godwin Calleja fuq il-units installati mis-socjeta attrici. Dwar il-unit li twahhlet fid-dar tal-konvenut, il-hlas li sar lil Godwin Calleja ma jistax

jitnaqqas peress li s-socjeta attrici m'hijiex titlob hlas ghal xoghol li m'ghamlitx.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghas-somma ta' hames mija u hames liri Maltin u tmenin centezmu (Lm505.80), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2001 u fin-nuqqas mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) ghandhom ikunu ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**